## TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 1814**

**Kaz Nru 2290/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Jason Caruana**

**u**

**Louis Galea**

**Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.**

23 ta' Ottubru, 2007

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc.. DPM, IPD(UK).

**Dan il-kaz gie prezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-3 ta' Gunju 2005 mill-Avv. Dott Charmaine Cherret kontra Louis Galea dwar terminazzjoni ta' mpjieg allegatament ingusta ai termini ta' L-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att nru. XXII ta' l-2002).**

**STQARRIJA TAL-KAZ**

**Fl-istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid, li kien ilu mpjegat ma l-intimat bhala mechanic ghal madwar hames snin, liema perjodu huwa dejjem qeda dmiru bl-ahjar lealta' possibbli u b'impenn shih.**

Huwa jkompli jghid, li xogholhu kien li jsewwi vetturi, u jaghmel dak kollu ancillari ma dan ix-xoghol.

L-appellant ikompli jghid, li fil-bidu tas-sena gietu opportunita li jsiefer ghal perjodu ta' zmien l-Awstralja u ghalhekk huwa avvicina lill-principal tieghu u ftehmu fuq il-perjodu tan-notice li kien ta' tmien gimghat.

L-appellant jghid ukoll, li waqt il-perjodu tan-notice ghamel xoghol fuq vettura ta' klijenta, liema xoghol kien jirrikjedi li jinbidlu xi parts. Effettivament gara, li din il-klijenta wara ftit li kien sarilha x-xoghol fuq il-vettura avvicinat lill-appellant tistaqsih liema parts tal-vettura huwa kien bidel u l-appellanti ta' d-dettalji kollha. Huwa jkompli jghid, li meta l-appellant ta' l-informazzjoni rikjesta il-klijenta giet a konjizzjon tal-fatt li l-intimat kien gieghla thallas ghal xi parts li effetivament ma kienux tbiddlu.

L-appellant jghid, li din il-klijenta avvicinat lill-intimat sabiex jaghtiha spjegazzjoni fuq dawn il-fatti. Sadanittant, l-appellant kien jinsab b'gimgha sick leave.

L-appellant ikompli jghid, li l-intimat kien cempel lill-appellanti waqt is-sick leave sabiex jghidlu b'dak li kien gara u din il-konversazzjoni kienet karatterizzata minn ghajjat u kliem oxxen da parti ta' l-intimat fil-konfront tieghu.

L-appellant jghid ukoll, li wara dan l-episodju huwa rritorna lura ghax-xoghol sabiex ikompli jahdem il-perjodu tieghu tan-notice, imma gara li l-intimat qallu li huwa ma kienx ser ikompli jhaddmu. Inoltre, l-apellantt talab lill-intimat sabiex ihallsu l-pagi u l-bonuses dovuti lilu skond il-Ligi imma l-intimat ingustament u minghajr raguni valida ma hallasx lill-appellant.

L-appellant jghid ukoll, li l-intimat mela l-formola tat-terminazzjoni ta' impjieg u nizzel li l-appellanti tkecca b'dixxiplina. Huwa jghid ukoll, li meta ra dan cempell

lill Labour office u l-intimat sahansitra beda jghajjat ma tal-Labour Office meta l-ufficcjal tal-Labour Office qallu x'inhu dovut lill-intimat.

L-appellant ikompli jghid, li l-principal tieghu qatta l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu u wara avvicina lill tal-Labour Office sabiex apparti li jithallas tal-pagi u l-bonuses li huma legalment dovuti lillhu huwa jghamillu d-dokument li jindika t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.

L-appellant jghid ukoll, li l-principal bghat d-dokument li jindika t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu li gie mkecci b'dixxiplina.

Fid-dikjarazzjoni tieghu Louis Galea li huwa l-principal jghid, li l-appellant kien ilu impjegat mieghu ghal madwar hames snin bhala assistant mechanic u huwa ma tkecciex mill-impjieg tieghu kif qieghed jallega, izda l-ewwel ta' notice tat-terminazzjoni u wara ma marx aktar ghax-xoghol minghajr ma hadem il-perjodu kollu ta' notice.

Il-principal ikompli jghid, li wara gimghatejn illi huwa ta' in-notice ppretenda illi ma jahdmix ghal gimghatejn sabiex ikun jista jaqla il-patata minn gewwa l-ghalqa tieghu.

Il-principal jghid ukoll, li fir-raba gimgha wara li l-appellant ta' n-notice ghamel gimgha ma jersaqx lejn ix-xoghol tieghu. U minkejja li pprova jikkuntatjah diversi drabi ma setghax jikkomunika mieghu u b'hekk spicca ma jafx jekk l-intimat hux gej aktar xoghol jew le. Il-principal jghid ukoll, li fil-fatt wara gimgha l-intimat gie fuq il-post tax-xoghol minghajr ma kien liebes il-hwejjeg tax-xoghol .

Il-principal jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid li l-appellant ghandu jitqies li abbanduna l-kariga tieghu.

**PROVI**

**Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien ilu jahdem fl'impjieg mill-21 ta' Awissu 2000 u dam fl'impjieg ghal madwar hames snin fil-grad ta' mechanic.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kien ta' in-notice lill-principal u kellu notice period ghal tmien gimghat li kellu jasal fi tmiemu fl-4 ta' Gunju 2005.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu tan-notice l-appellant kien talab il-leave lill-principal izda dan qallu li ma setghax jghatih il-leave peress li kellu pressjoni ta' xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara it-tielet gimgha tan-notice fil-gurnata tat-Tnejn l-appellant mar ghax-xoghol normali pero wara nofs inhar hassu ma jiflahx u l-imghallem baghtu d-dar u dam gimgha sick u rega lura ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara fejn fuq talba tal-principal huwa pprezenta ic-certifikat li kien ma jiflhax.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-gimgha li l-appellant dam ma jiflahx huwa ma ghamel l-ebda kuntatt mal-principal biex jghidlu li kien se jdum gimgha ma jiflahx u minkejja li l-imghallem ipprova jghamel kuntatt mieghu kemm il-darba fuq il-mobile pero ma setghax jigi f'kuntatt ma l-appellant**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li kien wara li l-principal cempell fuq mobile li ma kienx jidher in-numru tieghu li l-appellant irrisponda il-mobile.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-appellant mar lura ghax-xoghol l-imghallem qallu li l-impjieg tieghu gie terminat fuq kaz ta' dixxiplina peress li ma kienx irraporta ghax-xoghol fil-gimgha ta' qabel.**

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghand li skond ic-certifikat tat-tabib l-appellant kien ma jiflahx u din kienet ir-raguni li ma attendix ghax-xoghol. Izda it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll f'dawn il-konsiderazzjonijiet, li kien hemm nuqqas minn naha ta' l-appellant li kemm dam indispost ma kkomunikax ma l-imghallem tieghu biex jghidlu li huwa kien indispost hu ma setghax jattendi ghax-xoghol. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li hija ir-responsabilita' ta' l-impjegat li meta ma jattendix ghax-xoghol ghal xi raguni huwa obbligat li jinforma lill-principal tieghu u mhux vici versa li l-principal jigri wara l-impjegat biex jara x'sar minnhu.

Ghaldaqsatnt, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li ghalkemm l-appellant pproduca certifikat tal-mard pero dan ma jeskolpihx mill-fatt li naqas fid-dmirijiet tieghu li ma nformax lill-imghallem bl'assenza tieghu mix-xoghol u dan il-fatt jissuggettah ghall-passi dixxiplinarji.

Izda it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li matul il-hajja ta' l-impjieg tieghu l-appellant qatt ma kellu kazi ta' dixxiplina ohra u dan kien l-ewwel kaz tieghu, ghaldaqstant, invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jhoss li it-terminazzjoni ta' impjieg kienet harxa.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa ix-xhieda prodotti, ikkunsidra is-sottomissjonijet finali u l-osservazzjonijiet addizjonali isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjoniet citati hawn fuq, li ghalkemm l-appellant kien suggett ghall-passi dixxiplinarji, pero meta jigi kkunsidrat li dan kien l-ewwel kaz ta' dixxiplina ta' l-appellant, it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda estrema u

ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li dik il-gimgha li l-appellant ma marx ghax-xoghol minghajr ma nforma lill-principal ghanda titqies bhala sospensjoni mill-impjieg minghajr hlas bhala pass dixxiplinarju.

Invista ta' dan l-appellant ghandhu jitqies, li l-appellant kien baqa fl'impjieg sa ma intemm il-perjodu tan-notice jigifieri sa 4 ta' Gunju 2005 u ghandhu jithallas dak kollu li hu dovut lillhu sal-gurnata msemmija ghajr il-gimgha mnaqsa minghajr hlas bhala pass dixxiplinarju. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant li ghanda titnizzel fuq il-formola ta' l-ETC hija, li l-apellant ma spiccax mill-impjieg fuq passi dixxiplinarji izda, kif originarjament kien sar li l-appellant volontarjament irrezenja mill-impjieg.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' erbghin Lira Maltija lill kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet .

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

M'Rose Galea
Ghas-Segretarju